# L-Ispirtu tal-Liberta': X'Fissret il-Waqa' tal-Hajt ta' Berlin

**Henry Frendo**
AN, Radisson, 6 Nov. 2009

Biex nifhmu x'fissret il-waqa' tal-hajt ta' Berlin f'Novembru tal-1989 irridu niftakru ftit x'kien wassal ghall-kostruzzjoni tal-hajt f'Awissu tal-1961.

Wara l-gwerra l-Germanja, kif ukoll il-kapitali taghha Berlin, kienet inqasmet bejn il-potenzi rebbieha ewienin. Dawn kienu jinkludu l-Unjoni Sovjetika permess li Hitler fl-1941 kien kiser il-ftehim li kellu maghha u nvadiha. Wahda mill-ikbar gwerer li ghenet biex iggib fit-tmiem il-gwerra kienet dik ta' Stalingrad li allura serviet biex tlibess mant ta' patrijottizmu sahansitra lil Stalin, wiehed mill-aghar dittaturi fl-istorja tal-bniedem.

Meta r-Russi dahlu fl-Ewropa tal-Lvant ghamlu hekk supppost bhala liberaturi min-Nazizmu imma fil-fatt baqghu hemm, ma riedux jiccaqalqu, imponew il-hakma taghhom u ppruvaw xi tlett darbiet anki jiehdu lil Berlin kollha kemm hi taht idejhom. Din kienet il-famuza 'purtiera tal-hadid' li rrifera kien ghaliha Churchill diga' fl-1946. L-Ewropa nqasmet f'zewg blokki militari-ekonomici-ideologici li kellhom jiddominaw ir-relazzjonijiet internazzjonali ghal kwazi nofs seklu. L-ikbar izda mhux l-unici vittmi ta' dawn kienu l-pajjizi Ewropej tal-Lvant.

Fl-Unjoni Sovjetika fis-snin sittin kellek lil Nikita Khruschev li wara li ddenunzja l-atrocitajiet ta' Stalin fl-1956 beza' ghal gildu u habat se jikkompeti mieghu. Fl-1961 insibuh mill-gdid jipprova jestendi l-presenza Sovjetika fuq is-setturi kollha ta' Berlin li kienet fil-Germanja tal-Lvant immexxija minn Walter Ulbricht, Stalinist. Dan ghamlu b'theddid u rikatti tant li l-President Kennedy beda jhejji ghall-possibilta' ta' gwerra ohra fi zmen meta kemm l-USA kif ukoll l-USSR kellhom l-armi nukleari. Fin-nofs kien hemm il-kwistjoni ta' Berlin u r-rizoluzzjoni tal-Punent, kompris in-NATO, biex ma jcedux ghal dan l-espansjonizmu gdid Sovjetiku. Meta Kennedy mar Berlin u qal 'I am a Berliner' dik kienet ghajta ghall-liberta', impenn anti-Kommunista.

Fi ftit kliem, il-Punt ha posizzjoni soda fuq Berlin: riedx jirrepeti l-politika ta' "appeasement" li minnha kien iggwadanja Hitler. Il-Punent fl-ahhar sa hedded lill-Unjoni Sovjetika b'imblokk ekonomiku mill-pajjizi kollha tal-Punent, theddida li setghet tfisser l-ikkrollar tas-sistema Kommunista hafna qabel ma din grat fil-fatt. Izda l-Unjoni Sovjetika kienet ghadha b'sahhitha, tibghat l-astronawti fl-ispazju.[1]

Sadanittant, ghexirien ta' eluf ta' nies maqbuda fil-Germanja tal-Lvant ta' Ulbricht, fosthom hafna li kienu nies kwalifikati, ohrajn bit-trabi f'idejhom, bdew jaraw kif jaghmlu u jaharbu lejn il-parti l-hielsa ta' Berlin b'kull mezz anki bl-iktar mezzi iddisprati u riskjuzi. Fis-satra tal-lejl, jaqbzu mill-gallariji, ihaffru l-mini... Is-suldati kommunisti kellhom ordni biex jisparaw fuqhom u hekk bdew jinqaltu diversi zghazagh li jippruvaw jaharbu, ghalkemm kien hemm xi suldati li huma stess harbu. Inbena l-hajt, hajt mastizz, hajt imghasses, u allura sar izjed difficli, kwazi impossibbli, biex tahrab.

[1] Ara Deane u David Heller, *The Berlin Wall*, b'Introduzzjoni ta' Konrad Adenauer (Muller, Londra, 1964).

Il-Hajt ta' Berlin hekk sar simbolu tal-qasma ta' l-Ewropa, qasma mhux tant territorjali daqskemm ideologika, u socjali; qasma bejn id-demokrazija u dittatorjat, bejn il-benesseri relattiv tas-suq hieles u d-dipendenza fuq l-istat ekonomikament u politikament iccentralizzat f'sistema totalitarju. Il-hajt fisser qasma fost familji u qraba u tharbit tal-hajja ta' kuljum ta' tant nies, inkluzi eluf ta' Berliners mill-Lvant li kienu jahdu fil-Punent. L-ikbar metafora ghall-Gwerra l-Bierda sar il-Hajt ta' Berlin. Hajt sabiex ic-cittadini ta' pajjiz okkupat ma jibqghux jaharbu minnu.

Bir-ripressjoni, sikwiet harxa u inumana, l-Unjoni Sovjetika ttantat ghal decennji tghaffeg ix-xenqa ghall-liberta' fil-pajjizi satelliti taghha. Wiehed mill-ewwel tentattivi ghal qawmien sehh fil-fatt fil-Germanja tal-Lvant fl-1953. Tlett snin wara rajna l-invazjoni tal-Ungerja li kienet bdiet tiehu nifs politiku gdid. Fl-1968 tfacca Dubcek li ried jara s-socjalizmu b'wicc uman izda baqa' f'wiccu bl-ikrah, u darba wara l-ohra nqalghu movimenti fil-Polonja, l-ikbar pajjiz fl-Ewropa tal-Lvant u dak li l-iktar kien ilu jara mohqrija mir-Russja anki fi zmien pre-Sovjetiku. Insemmi biss li fi zmien il-Kzar kien hemm epoka li fiha kien illegali ghal Polakk li mqar jitkellem bil-Pollakk f'artu. Mill-1980 niftakru l-istorja tal-ghaqda sindakali Solidarnoc mmexxija minn Lech Walensa u z-zjara tal-Papa Pollakk Woytila fil-Polonja, l-ikbar migemghat imaginabbli ta' nies fit-toroq ixejru l-bnadar tal-Papa u tal-Polonja f'pajjiz suppost Kommunist.

Dissident russu li kien storiku u li daq il-gulag, Andrei Amalrik, kien staqsa jekk l-Unjoni Sovjetika kienetx tissopravivi sal-1984 - bis-satira penetranti ta' George Orwell *1984* f'mohhu.[2] Gara tabilhaqq li proprju fl-1984 tfacca Gorbachev, mexxej gdid izjed illuminat minn ta' qablu, rapprezentant ta' generazzjoni ohra, li fehem u stqarr li s-sistema Kommunista ma kienx qieghed jahdem u ma setax ikampa minghajr ftuh u ristrutturar ftit jew wisq

[2] Ara Henry Frendo, *An Interview with Andrei Amalrik* (AZAD, Sliema, 1978)

radikali. Ix-xamma tal-liberta' - ix-xenqa ghaliha fil-bniedem - hi bhall-ilma ghall-hajja, tghaddi, timxi u tiskula minn kull rokna u minn kull xaqq li ssib. Il-messagg malajr ittraduca ruhu f'burdati ta' sfida u ta' kuragg fost dawk li l-iktar kienu ilhom jissaportu taht il-madmad Sovjetiku. Din is-suppost Unjoni bdiet titlef il-kontroll egemoniku u l-kredibilita' li seta' kien baqghalha, tant li f'daqqa wahda l-Unjoni Sovjetika stess bidet tinfetaq - ghax wara kollox din kienet stat iserrah fuq il-forza, stat li kien espanda tul is-sekli b'espansjoni territorjali fuq ohra.

Ftit wara l-waqa' tal-hajt ta' Berlin, sehh proprju f'pajjizna nkontru ferm storiku, iktar storiku minn dak ta' qabel Yalta bejn Churchill u Roosevelt f'Malta wkoll qabel ma kienu marru jiltaqghu ma' Stalin. Din kienet il-laqgha bejn Bush u Gorbachev fejn effettivament inghatat valuta u sehh rikonoxximent ghal dak li kienet iddimonstrat il-waqa' tal-hajt ta' Berlin. "Id-dinja taghna u r-relazzjonijiet ta' bejnietha qeghdin f'salib it-toroq krucjali", stqarr Gorbachev f'Malta. "Ghandna nkunu ferm responsabbli u niffaccjaw l-isfidi tad-dinja tal-lum... Id-dinja thalli warajha epoka ta' gwerra bierda u tidhol f'epoka ohra..." [3]

Malli bdew jinfethu l-fruntieri, ibda minn ta' l-Ungerija, esodu iehor ta' Germanizi, u terremoti f'dak li kien l-imperu Sovjetiku.[4] Fil-Germanja tal-Lvant, Honecker tnehha mill-poter; fic-Cekoslovakja Dubcek sar Speaker u Havel mexa mill-habs ghall-presidenza. Imrietel, bqaqen, imnanar u minn kollox intuzaw biex ftit ftit zmantellew il-Hajt ta' Berlin li fl-ahhar infetah ghal kollox fid-9 ta' Novembru, ghoxrin sena ilu.[5] X'differenza mill-fjuri friski

---

[3] Ara Henry Frendo, 'An Agenda for the Summit', *The Sunday Times* (Malta), 26 Nov. 1989, pp. 3-4; ''The World After Malta', 17 Dec. 1989, *ibid.*, pp. 2-3; 'After the Cold War', *ibid.*, 2 Dec. 1990, pp. 22, 24. Ara wkoll *inter alia* l-cover stories fi *Newsweek*, 'Super Heroes', 11 Dec. 1989; 'How 1989 changed History', 1 Jan. 1990.

[4] Ara per ezempju 'The Great Escape', *Newsweek*, 25 Sept. 1989.

[5] Ara Jerry Bornstein, *The Wall Came Tumbling Down*, b'introduzzjoni minn Willy Brandt (Arch Cape, New York, 1990).

fuq l-oqbra u l-*watch towers* fil-gholi jduru qishom spettri bis-suldati armati bil-*machine guns* f'kull wiehed, li kienu jhammgu l-fruntiera kollha tal-Germanja maqsuma!

Kienx profetiku kliem Konrad Adenauer: "What is unnatural will not endure. That is why one day the Wall in Berlin will come down." Jew ta' Eisenhower fl-1953: "Future historians, in their analysis of the causes which will have brought about the disintegration of the Communist Empire, will single out those brave East Germans who dared to rise against the cannons of tyranny with nothing but their bare hands and their stout hearts."

Fl-istess xahar li l-Germanja regghet inghaqdet, f'Ottubru tal-1990, il-president taghha Weizsacker, ghamel l-ewwel zjara statali tieghu - f'Malta. Hawnhekk ukoll il-messagg ma jintilifx, bizzejjed wiehed jidhol il-belt minn Putirjal u jhares lejn il-lemin.[6]

Skond Fukuyama, din l-izvolta fissret tmiem l-istorja, fis-sens li l-kapitalizmu kien rebah fuq il-kommunizmu u d-djalettika ideologika-militari li konna mdorrijin biha kienet spiccat. Ma nitqarrqux li l-liberta' hi daqshekk facli jew li tinkiseb hekk malajr u b'mod dejjiemi, Dak li gara fl-1989 holoq tezi gdida, izda zgur ma waqqafx id-djalettika tal-istorja fejn naraw jinholqu premessi u anti-tezijiet ohrajn, bhal per ezempju l-fundamenalizmu izlamiku, il-globalizazzjoni, l-immigrazzjoni illegal tal-massa, it-tniggis, il-bdil fil-klima kawza ta' kapitalizmu ndustrijali sfrenat, iz-zieda fil-popolazzjoni, u tant zvolti ohra lura u 'l quddiem, fosthom anki dak li issa qiegehd jigri fir-Russja ta' Putin, fejn jidher li l-liberta' tal-espressjoni, suppost mirbuha u ristawrata, tinsab f'tensjoni b'agir dubjuz ghal kollox fl-istampa, fil-media u fl-elezzjonijiet.

Din it-tensjoni hi dejjem prezenti. Ghalhekk, kif intqal tajjeb, il-liberta' trid tiggieled ghaliha kuljum – u dan, kullimkien.

[6] Ara Henry Frendo, 'Europe and the German question', The Sunday Times, 19 Nov. 1989; 'The New Germany of Weizsacker and De Maziere', *ibid.*, pp. 26-27.

U biex naghlaq xtaqt nurikom xi haga. Ftit qabel il-migja ta' Weizacker, li ltaqjt mieghu, jiena kont mistieden il-Germanja, u l-ospiti tieghi kienu rregalawli souvenir. Mhux tal-Brandenburg Gate. Mhux ta' Checkpoint Charlie.

Din bicca mill-Hajt ta' Berlin.